



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' April 2020
(OR. en)

7195/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0051(COD)

WTO 67
COWEB 39
AGRI 107
UD 59
TDC 1
CODEC 248

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	3 ta' April 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 135 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 135 final.

Mehmuż: COM(2020) 135 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.4.2020
COM(2020) 135 final

2020/0051 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 li jintroduċi ċerti miżuri
kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta'
Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-miżuri kummerċjali awtonomi (ATMs, autonomous trade measures) proposti huma wieħed mill-istrumenti għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE vis-à-vis il-Balkani tal-Punent, kif definita fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mniedi mill-Kummissjoni Ewropea f'Mejju 1999. Fil-laqgħa tiegħu ġewwa Lisbona fit-23 u l-24 ta' Marzu 2000, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li l-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-partijiet tal-Balkani tal-Punent jenhtiegħ li jkunu preċeduti minn liberalizzazzjoni asimetrika tal-kummerċ. Il-liberalizzazzjoni asimetrika tal-kummerċ kienet prevista permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu, b'validità sal-31 ta' Diċembru 2020.

Ġew konklużi Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-partijiet kollha kkonċernati tal-Balkani tal-Punent; l-aħħar wieħed mal-Kosovo* daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016.

B'kont meħud tad-differenzi fl-ambitu tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi fil-qafas tar-reġimi kuntrattwali li ġew żviluppati bejn l-Unjoni u l-parteċipanti kollha fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-preferenzi mogħtija fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009, qed jiġi ssuġġerit li tiġi prolongata d-durata tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009 sal-31 ta' Diċembru 2025.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta hija konsistenti mal-appoġġ kontinwu li l-UE tagħti għall-integrazzjoni ekonomika gradwali tar-reġjun fl-UE u għall-proċessi ta' adeżjoni individwali.

Minkejja li l-biċċa l-kbira tal-preferenzi kummerċjali li kienu ngħataw lill-Balkani tal-Punent permezz tar-reġim kummerċjali awtonomu issa ġew integrati fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni rispettiv mal-Unjoni, il-preferenzi limitati mogħtija permezz ta' dan ir-Regolament għadhom jipprovdu appoġġ siewi għall-ekonomija reġjonali. Dawn il-preferenzi jippermettu s-sospensjoni ta' dazji speċifiċi li normalment jiġu applikati għall-frott u l-ħxejjex, u l-inklużjoni ta' kwota globali tal-inbid, disponibbli wara l-eżawriment tal-kwoti nazzjonali rispettivi tal-inbid.

Is-sistema tal-ATMs ikkontribwiet għall-espansjoni tal-kummerċ totali bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, li qabeż l-EUR 54 biljun fl-2018. L-UE hija s-sieħeb kummerċjali ewlieni, b'seħem ta' iktar minn 72 % tal-kummerċ totali tar-reġjun.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din il-proposta hija kompletament konformi mad-Dikjarazzjoni ta' Sofija tas-17 ta' Mejju 2018 fejn l-UE impenjat ruħha li ssaħħa u tintensifika l-involviment tagħha f'kull livell biex tappoġġja t-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali tar-reġjun. Dan huwa wkoll koerenti mal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni l-ġdida, li affermat mill-ġdid il-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent u r-rwol importanti tagħha fit-tkomplija tal-proċess ta' riforma fir-

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

reġjun kollu. L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tippromwovi l-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp ekonomiku fir-reġjun u tiftaħ il-prospettiva tal-integrazzjoni fl-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri proposti wrew li kellhom impatt pożittiv fuq il-pajjiżi benefiċjarji billi kkontribwew għall-iżvilupp ekonomiku tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet b'saħħithom bejn in-negozji tal-UE u l-produtturi lokali fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent. Il-proposta li l-miżuri jiġu estiżi għal ħames snin addizzjonali hija għalhekk meqjusa bħala l-iktar miżura xierqa biex jiġi żgurat l-iżvilupp ekonomiku sostnut tas-sħab tal-Balkani tal-Punent, waqt li jiġi evitat proċess twil ħafna u kumpless tal-emendar ta' kull ftehim kummerċjali bilaterali individwali fl-ambitu tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Il-miżuri kummerċjali awtonomi jippermettu (f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni) lill-Unjoni tagħti preferenzi speċifiċi u mmirati ħafna, li altrimenti ma jingħatawx fil-kuntest ta' ftehim ta' kummerċ ħieles billi jkun joħolqu preċedenti li mhumiex fl-interess tal-Unjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma saret l-ebda evalwazzjoni *ex-post* formali minħabba l-ambitu limitat ħafna tal-miżuri.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saru l-ebda konsultazzjonijiet formali mal-partijiet ikkonċernati, imma hemm interess unanimu u ripetut għat-tkomplija tal-miżuri fost il-partijiet benefiċjarji filwaqt li ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni mill-operaturi ekonomiċi Ewropej fil-pjattaformi varji ta' komunikazzjoni maħluqa mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-industrija tal-UE.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-istrumenti għal regolamentazzjoni aħjar jeżentaw b'mod espliċitu mill-valutazzjoni tal-impatt l-estensjoni tal-protokoll eżistenti ma' pajjiżi terzi.

Il-miżuri proposti ilhom fis-seħħ għal kważi għoxrin sena, imma issa l-portata tagħhom hija ħafna inqas, peress li l-maġġoranza tal-preferenzi ġew integrati gradwalment fil-Ftehimiet individwali ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-benefiċjarji. Filwaqt li l-impatt stmat huwa kkunsidrat minimu f'termini ta' dazji mitlufa mill-UE (madwar EUR 23,5 miljun għas-sitt benefiċjarji flimkien, fuq il-bażi tal-valur tal-importazzjonijiet fl-2018), l-estensjoni tal-miżuri hija meqjusa bħala l-aħjar garanzija tal-impenn tal-UE favur l-integrazzjoni kummerċjali tal-Balkani tal-Punent. Il-miżuri proposti jkunu jikkontribwixxu wkoll biex jiżguraw l-istabbiltà tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi tar-reġjun u tal-UE.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni wara ż-żjarat fuq il-post fir-reġjun, ħareġ li l-miżuri jibbenefikaw lil għadd kbir ta' produttori agrikoli żgħar u ħafna minn dawn il-produttori lokali stabbilew sħubijiet b'saħħithom man-negozji fl-UE. Jekk ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 ma jiġix estiż sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Balkani tal-Punent se jkunu mċaħħda temporanjament minn dan l-aċċess liberalizzat għas-suq għal prodotti agrikoli ewlenin (frott u ħxejjex) li għandhom importanza kritika għal dan ir-reġjun sensitiv.

Jenħtieġ li l-UE tevita assolutament li tirrepeti ruħha s-sitwazzjoni tal-2010 meta l-estensjoni ma setgħetx tiġi vvotata fil-ħin: dan kien ħoloq tfixkil serju fis-swieq agrikoli tal-Balkani tal-Punent. L-applikazzjoni retroattiva għall-irkupru tad-dazji doganali jenħtieġ li ma tkunx alternattiva, peress li hija soluzzjoni kumplessa u jkunu meħtieġa ħafna burokrazija u xhur qabel ma l-operaturi jiġu rimborżati. Il-perturbazzjoni fil-qafas legali mhux biss toħloq dannu ekonomiku immedjat imma tibgħat ukoll messaġġ ta' ambjent tan-negozju li huwa instabbli u insikur.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Peress li l-miżuri proposti diġà ilhom fis-seħħ għal kważi 20 sena, il-benefiċjarji huma infurmati tajjeb ħafna u jafu jikkonformaw mal-kundizzjonalitajiet previsti fir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament propost ineħħi wkoll il-paragrafi li saru obsoleti, jaġġorna r-Regolament u jneħħi d-dispożizzjonijiet obsoleti.

- **Drittijiet fundamentali**

L-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009 jissoġġetta d-dritt għall-benefiċċju mill-preferenzi għall-astensjoni tal-benefiċjarji milli jinvolvu ruħhom fi ksur serju u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ewlenin tax-xogħol, tal-prinċipji fundamentali tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-Regolament propost ma jġarrabx kostijiet addizzjonali għall-baġit tal-UE. Għas-snin 2020 sa 2025 ma hu se jkun hemm l-ebda telf addizzjonali ta' dħul mit-tariffi fir-rigward ta' prodotti ffabrikati mill-benefiċjarji attwali. Id-dħul ipotetiku li seta' nġabar minn importazzjonijiet ġodda addizzjonali mhuwix meqjus bħala telf tad-dħul mit-tariffi.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fil-kuntest tal-laqgħat tas-sottokomitati li jsiru taħt l-umbrella tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-użu tal-preferenzi

bilaterali huma regolarment fuq l-aġenda tad-diskussjonijiet bilaterali mas-sħab tal-Balkani tal-Punent.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tinkludi tliet gruppi ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw:

- (1) Il-bdil tad-denominazzjoni ta' żewġ benefiċjarji biex tkun riflessa l-aħħar terminoloġija miftiehma, fi kliem ieħor is-sostituzzjoni ta' "l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja" b'"il-Maċedonja ta' Fuq" u s-sostituzzjoni ta' "it-Territorju doganali tal-Kosovo" b'"il-Kosovo*", kif użati fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-UE. Fuq dik il-bażi, ir-referenzi kollha għal "pajjiżi" jew "pajjiżi u territorji" jinbidlu b'"parti".
- (2) Aġġornament tal-Artikolu 3 wara l-emendi introdotti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1464 tat-2 ta' Ġunju 2017: peress li l-preferenzi unilaterali mogħtija lill-Kosovo ġew inklużi fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Kosovo, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016, il-preferenzi kummerċjali awtonomi ma għadhomx jikkonċernaw konċessjonijiet għall-kummerċ tas-sajd jew taċ-ċanga. Għall-finijiet ta' ċarezza qed jiġi propost li titneħħa kull referenza għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti.
- (3) Estensjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2025.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009¹ pprovda aċċess illimitat bla dazju għas-suq tal-Unjoni għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw mill-parteċipanti tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sal-mument li fih ġew konklużi ftehimiet bilaterali ma' daww il-partijiet.
- (2) Ġew konklużi ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mas-sitt partijiet kollha, l-aħħar wieħed bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1464² emenda r-Regolament (KE) Nru 1215/2009 biex jitneħħew il-preferenzi bilaterali mogħtija lill-Kosovo filwaqt li tinżamm il-preferenza unilaterali mogħtija lill-benefiċjarji kollha tal-Balkani tal-Punent fil-forma tas-sospensjoni tad-dazji kollha għall-prodotti koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda u l-aċċess tagħhom għall-kwota tariffarja globali tal-inbid ta' 30 000 hl.
- (4) B'kont meħud ta' dawn id-differenzi fl-ambitu tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi fil-qafas tar-reġimi kuntrattwali li ġew żviluppati bejn l-Unjoni u l-parteċipanti kollha fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-preferenzi mogħtija fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009, qed jiġi ssuġġerit li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009 jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2025.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew li huma marbutin miegħu (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 1).

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1464 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 fir-rigward tal-konċessjonijiet kummerċjali mogħtija lill-Kosovo* wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra.

- (5) L-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009 hija kkunsidrata l-aqwa garanzija tal-impenn tal-Unjoni għall-integrazzjoni kummerċjali tal-Balkani tal-Punent. Jenħtieġ li din l-estensjoni tikkontribwixxi wkoll biex tiżgura l-istabbiltà tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi tar-reġjun u tal-Unjoni.
- (6) Barra minn hekk, id-denominazzjoni ta' żewġ benefiċjarji trid tiġi emendata biex tirrifletti l-aħħar terminoloġija miftiehma.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,
- ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:**

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Arranġamenti preferenzjali

1. Prodotti li joriġinaw mill-Albanija, mill-Bożnija-Herzegovina, mill-Kosovo*, mill-Montenegro, mill-Maċedonja ta' Fuq, u mis-Serbja li huma koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri b'effett ekwivalenti u b'eżenzjoni mid-dazji doganali u minn imposti b'effett ekwivalenti.
 2. Prodotti li joriġinaw mill-Albanija, mill-Bożnija-Herzegovina, mill-Kosovo, mill-Montenegro, mill-Maċedonja ta' Fuq, u mis-Serbja għandhom ikomplu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fejn ikun indikat hekk. Tali prodotti għandhom ukoll jibbenefikaw minn kwalunkwe konċessjoni stipulata f'dan ir-Regolament li hija aktar favorevoli minn dik prevista mill-ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u dawk il-partijiet.”.
- (2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
- (a) Fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (ċ) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(a) il-konformità mad-definizzjoni ta' ‘prodotti oriġinarji’ stipulata fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2015/2446 Titolu II, Kapitolu 1, Sezzjoni 2, Subsezzjonijiet 4 u 5, u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/2447 Titolu II, Kapitolu 2, Sezzjoni 2, Subsezzjonijiet 10 u 11;

(b) l-estensjoni tal-partijiet imsemmija fl-Artikolu 1 milli jintroduċu dazji ġodda u imposti li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni jew milli jżidu livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli jintroduċu xi restrizzjonijiet oħra mit-30 ta' Settembru 2000;

(c) l-involvement ta' benefiċjarji f'koperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Unjoni għall-prevenzjoni ta' kull riskju ta' frodi; u

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

(d) l-astensjoni tal-partijiet imsemmija fl-Artikolu 1 milli jinvolvu ruħhom fi ksur serju u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ewlenin tax-xogħol, tal-prinċipji fundamentali tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt.”.

(b) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Fil-każ ta’ nonkonformità, min-naħa ta’ parti, mal-punt (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 jew mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tissospendi, totalment jew parzjalment, l-eliġibbiltà tal-parti kkonċernata għall-benefiċċji skont dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 8(4).”.

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għal ċerti prodotti tal-inbid, kif elenkati fl-Anness I, li joriġinaw mill-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 1, id-dazji doganali applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni għandhom ikunu sospiżi matul il-perijodi, fil-livelli, fil-limiti tal-kwota tariffarja tal-Unjoni u skont il-kundizzjonijiet indikati għal kull prodott u oriġini li hemm f’dak l-Anness.”.

(b) Il-paragrafu 2 jiġihassar.

(4) L-Artikolu 4 jiġihassar.

(5) Fl-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 3(1) ta’ dan ir-Regolament għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni f’konformità mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/2447 Titolu II, Kapitolu 1, Sezzjoni 1.”

(6) Fl-Artikolu 7, il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(b) aġġustamenti meħtieġa wara l-ġhota ta’ preferenzi kummerċjali skont arranġamenti oħra bejn l-Unjoni u l-partijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

(c) is-sospensjoni, totali jew parzjali, tal-eliġibbiltà ta’ parti kkonċernata għall-benefiċċji skont dan ir-Regolament, fil-każ ta’ nonkonformità ta’ dik il-parti mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1).”.

(7) L-Artikolu 10(1) huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja tal-ewwel subparagrafu hija sostitwita b’dan li ġej:

“Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm evidenza suffiċjenti ta’ frodi jew ta’ nuqqas ta’ kooperazzjoni amministrattiva kif meħtieġa għall-verifika tal-evidenza tal-oriġini, jew li hemm żieda enormi fl-esportazzjonijiet ġewwa l-Unjoni li taqbeż il-livell tal-kapaċità normali ta’ produzzjoni u ta’ esportazzjoni, jew nuqqas ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 2(1), min-naħa tal-partijiet imsemmija fl-Artikolu 1, hija tista’ tieħu miżuri biex tissospendi totalment jew parzjalment l-arranġamenti previsti f’dan ir-Regolament għal perjodu ta’ tliet xhur, dment li l-ewwel:”.

(b) il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu huma sostitwiti b’dan li ġej:

“(b) tkun stiednet lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri ta’ prekawzjoni li jkunu meħtieġa sabiex jiġu salvagwardati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u/jew sabiex tassigura konformità mill-partijiet benefiċjarji mal-Artikolu 2(1);

- (8) (c) tkun ippubblikat avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jgħid li jeżistu dubji raġjonevoli dwar l-applikazzjoni tal-arranġamenti preferenzjali u/jew il-konformità mal-Artikolu 2(1) mill-parti beneficijarja, li jistgħu joħolqu diskussjoni dwar id-dritt tagħha li tkompli tgawdi mill-benefiċċji mogħtija minn dan ir-Regolament.”.
- (9) Fl-Artikolu 12, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
“Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2025.”.
- (10) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

